MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Numru 190/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**vs.**

**Veronica Brincat**

**Illum 27 ta' April, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Veronica Brincat ta' 39 sena, mart Joseph, bint Carmelo Cauchi u Antonia nee` Falzon, imwielda Pieta` fis-6 ta' April 1965, u li toqghod f'l-indirizz 60, Triq l-Ewwel ta' Mejju, Birkirkara, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 222865M giet akkuzata talli:

Talli fil-11 ta' Awissu 2004 u f'dati precedenti, f'B'Kara u f'postijiet ohra, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' Lm463.63 bi hsara tas-socjeta` bankarja Bank of Valletta u ta' Joseph Brincat.

Talli fl-istess cirkostanzi b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamlet falsifikazzjonijiet fi skritturi kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibidl fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw. Jew aktar li ghamlet uzu min tali skritturi u cioe VISA Credit Card tal-BOV u dan ghad-detriment ta' l-istess Bank of Valletta u Joseph Brincat.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok JC4 u nnutat li l-imputata m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputata ammettiet l-akkuzi migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u tatha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-

ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja ta' l-akkuzi migjuba kontra tghha.

Innutat li fil-Verbal ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Cordina iddikjara li l-imputata kkoperat mal-pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 308, 309, 183, 184 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Veronica Brincat, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta tal-imputata u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Cordina iddikjara li l-imputata ikkoperat mal-pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputata Veronica Brincat ghall-piena komplessiva ta' sentejn prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' tliet (3) snin mil-lum l-imputata Veronica Brincat tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Veronica Brincat l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------